MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 630/2010

**Vodafone Malta Limited C-10865**

**vs**

**Nadia Grech**
**I.D. 0574979 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenuta il-hlas tas-somma ta’ hames mija u disgha u sebghin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€579.58), rapprezentanti prezz ghal servizzi ta’ telefonija cellulari rezi mis-socjeta’ attrici lill-konvenuta in konnessjoni ma’ mobile phone bin-numru 99524620.

Il-konvenuta interpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkulz tal-mandat ta’ sekwestruipprezentat kontestwalment, u bl-interessi mid-data meta l-ammont

pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontro l-konvenuta illi giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u disgha u sebghin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€579.58), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------